KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fl-10 ta' April 2014[1]

**Kawżi magħquda C-58/13 u C-59/13**

**Angelo Alberto Torresi**
**vs**
**Consiglio dell'Ordine degli Avvocati di Macerata (C-58/13)**
**u**
**Pierfrancesco Torresi**
**vs**
**Consiglio dell'Ordine degli Avvocati di Macerata (C-59/13)**

(talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio Nazionale Forense)

"Kunċett ta' 'qorti jew tribunal ta' Stat Membru' — Consiglio Nazionale Forense — Indipendenza — Imparzjalità — L-Artikolu 3 tad-Direttiva 98/5/KE — Validità — Prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fi Stat Membru barra dak fejn tkun inkisbet il-kwalifikazzjoni — Abbuż ta' dritt — Rispett għall-identitajiet nazzjonali"

1. Angelo Alberto Torresi u Pier Francesco Torresi (iktar 'il quddiem "A. A. Torresi u P. Torresi") huma ċittadini Taljani li, wara li kisbu d-dritt li jużaw it-titolu professjonali ta' 'abogado' fi Spanja, għamlu talba lill-Ordni tal-avukati kompetenti fl-Italja għall-iskrizzjoni sabiex ikunu jistgħu jipprattikaw il-professjoni ta' avukati fl-Italja. It-talbiet tagħhom kienu bbażati fuq l-liġijiet Taljani li jimplementaw id-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Frar 1998, sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni[2].

2. Peress li l-Ordni tal-avukati lokali ma tax deċiżjoni dwar dawk it-talbiet fit-terminu stabbilit, A. A. Torresi u P. Torresi ppreżentaw appell quddiem il-Consiglio Nazionale Forense (iktar 'il quddiem iċ-"CNF") (Kunsill nazzjonali tal-ordni tal-avukati). Matul dawk il-proċedimenti, iċ-CNF iddeċieda li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja, skont il-proċedura għal deċiżjoni preliminari, żewġ domandi li jikkonċernaw l-interpretazzjoni u l-validità tad-Direttiva 98/5/KE fid-dawl tal-prinċipji li jipprojbixxu "l-abbuż ta' dritt" u li jagħmlu sejħa "għar-rispett tal-identitajiet nazzjonali".

3. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta għal dawk id-domandi hija pjuttost ċara. Madankollu, qabel ma ngħaddi għall-kwistjonijiet sostantivi mqajma f'din il-kawża, hemm kwistjoni ta' natura proċedurali li trid tiġi indirizzata qabel: iċ-CNF, fil-proċedimenti prinċipali hija kompetenti li tagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja skont il-proċedura għal deċiżjoni preliminari?

4. L-ewwel nett, din il-kwistjoni teħtieġ li jiġi kkunsidrat l-iskop u l-funzjoni tal-kriterji tal-indipendenza u tal-imparzjalità għar-rigward tal-kunċett ta' "qorti jew tribunal ta' Stat Membru" għall-għanijiet tal-Artikolu 267 TFUE.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.
2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 83.

## I – Il-kuntest ġuridiku

### A – *Id-dritt tal-UE*

5. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 98/5/KE jistipula:

"Kull avukat għandu jkun intitulat li jsegwi fuq bażi permanenti, f'kull Stat Membru ieħor taħt it-titolu professjonali ta' pajjiżu, l-attivitajiet speċifikati fl-Artikolu 5."

6. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 98/5/KE, intitolat "Ir-reġistrazzjoni [l-iskrizzjoni] ma' l-awtorità kompetenti", jgħid:

"1. Avukat li jixtieq jipprattika fi Stat Membru minbarra dak li fih kiseb il-kwalifika professjonali għandu jirreġistra ma' l-awtorità kompetenti f'dak l-Istat.

2. L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti għandha tirreġistra lill-avukat mal-preżentazzjoni ta' ċertifikat li jixhed ir-reġistrazzjoni tiegħu ma' l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru li hu pajjiżu. [...]"

7. L-Artikolu 9 tad-Direttiva 98/5/KE, intitolat "Stqarrija ta' raġunijiet u rimedji", jipprovdi:

"Id-deċiżjonijiet sabiex ma ssirx ir-reġistrazzjoni [l-iskrizzjoni] msemmija fl-Artikolu 3 jew sabiex tiġi kkanċellata r-reġistrazzjoni u d-deċiżjonijiet li jimponu miżuri dixxiplinari għandhom jistqarru r-raġunijiet li fuqhom huma bbażati.

Għandu jkun disponibbli rimedju kontra dawn id-deċiżjonijiet quddiem qorti jew tribunal skond id-disposizzjonijiet tal-liġi domestika."

### B – *Il-liġi Taljana*

8. L-Italja implementat id-Direttiva 98/5/KE permezz tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 96 tat-2 ta' Frar 2001 (iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv 96/2001") [3].

9. Konformi mal-Artikolu 6(1) sa (3) tad-Digriet Leġiżlattiv 96/2001, sabiex jipprattikaw il-professjoni ta' avukat fl-Italja b'titolu miksub fil-pajjiż ta' oriġini, iċ-ċittadini tal-Istati Membri iridu, fid-distrett fejn huma għandhom ir-residenza permanenti jew l-istabbiliment professjonali tagħhom, japplikaw għall-iskrizzjoni fit-taqsima speċjali tal-lista ddedikata għal avukati li kkwalifikaw barra mill-Italja. L-applikazzjoni trid tkun akkumpanjata b'dokumenti li jipprovaw li l-applikant huwa ċittadin tal-UE, il-post ta' residenza jew stabbiliment professjonali tal-applikant, u l-iskrizzjoni mal-organizzazzjoni professjonali tal-Istat Membru ta' oriġini.

10. Skont l-Artikolu 6(6) tad-Digriet Leġiżlattiv 96/2001, fi żmien 30 jum mill-preżentazzjoni jew mit-tlestija tal-applikazzjoni, il-Kunsill tal-ordni tal-avukati lokali, "wara li jkun ivverifika li l-kundizzjonijiet neċessarji ġew issodisfatti u li ma hemm ebda raġunijiet li jżommuh milli jagħmel dan, għandu jordna l-iskrizzjoni fit-Taqsima Speċjali u għandu jinnotifika dan lill-awtorità

3 — "Implementazzjoni tad-Direttiva 98/5/KE maħsuba biex tiffaċilita l-prattika permanenti tal-professjoni ta' avukat fi Stat Membru barra dak fejn tkun inkisbet il-kwalifikazzjoni professjonali" (Attuazione della direttiva 98/5/CE volta a facilitare l'esercizio permanente della professione di avvocato in uno Stato membro diverso da quello in cui è stata acquisita la qualifica professionale). (GURI Nru 79 tal-4 ta' April 2001, Suppliment Ordinarju).

korrispondenti fl-Istat Membru ta' oriġini". Barra minn hekk, l-Artikolu 6(8) tal-istess strument legali jistipula li, jekk il-Kunsill tal-ordni tal-avukati lokali jonqos milli jagħti d-deċiżjoni tiegħu fit-terminu stabbilit, l-applikant jista', fi żmien għaxart ijiem mill-iskadenza ta' dak il-perijodu, jippreżenta rikors quddiem iċ-CNF, li għandu jiddeċiedi fuq il-mertu "tal-iskrizzjoni".

11. Fiż-żmien materjali, il-kompożizzjoni, l-irwol u l-attivitajiet taċ-CNF kienu primarjament irregolati permezz tad-Digriet Liġi Irjali Nru 1578 tas-27 ta' Novembru 1933 (iktar 'il quddiem id-"Digriet Liġi 1578/1933")[4], id-Digriet Irjali Nru 37 tat-22 ta' Jannar 1934 (iktar 'il quddiem id-"Digriet 37/1934")[5], u leġiżlazzjoni sekondarja oħra[6].

12. Iċ-CNF għandu uffiċċju f'Ruma, fil-Ministeru tal-Ġustizzja, u huwa kompost minn 26 membru (ekwivalenti għan-numru ta' distretti fejn hemm Qorti tal-Appell), eletti mill-kollegi tagħhom minn fost l-avukati li għandhom id-dritt li jidhru quddiem il-qrati superjuri Taljani.

13. Skont l-Artikoli 31 u 54 tad-Digriet Liġi 1578/1933, iċ-CNF tisma' kawżi legali kontra d-deċiżjonijiet tal-Kunsilli tal-ordni tal-avukati lokali rigward l-iskrizzjonijiet fil-lista tal-avukati u kwistjonijiet dixxiplinari. Bis-saħħa tal-Artikolu 56 ta' dak id-digriet, jista' jitressaq appell mid-deċiżjonijiet taċ-CNF quddiem il-Corte di Cassazione, Sezioni Unite (il-Qorti ta' Kassazzjoni, assemblea plenarja) abbażi ta' "nuqqas ta' kompetenza, abbuż ta' poter u żball ta' liġi".

## II – **Il-fatti, il-proċedura u d-domandi magħmula**

14. A. A. Torresi u P. Torresi kisbu grad universitarju fil-liġi (*Licenciado en Derecho*) fi Spanja u, fl-1 ta' Diċembru 2011, kienu skritti bħala "*abogado ejerciente*" mill-*Ilustre Colegio de Abogados de Santa Cruz de Tenerife* (Il-Kunsill tal-ordni tal-avukati ta' Santa Cruz de Tenerife).

15. Fis-17 ta' Marzu 2012, A. A. Torresi u P. Torresi ppreżentaw applikazzjoni quddiem l-*Ordine degli avvocati di Macerata* (Il-Kunsill tal-ordni tal-avukati ta' Macerata) għall-iskrizzjoni fit-taqsima speċjali tal-lista ddedikata għal avukati kkwalifikati barra l-pajjiż. Il-Kunsill tal-ordni tal-avukati ta' Macerata madankollu, ma ħax deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet fi żmien 30 jum kif stabbilit mil-liġi Taljana[7].

16. Għalhekk fid-19 ta' April 2012, A. A. Torresi u P. Torresi ppreżentaw rikors liċ-CNF għal deċiżjoni dwar is-sustanza tal-iskrizzjoni tagħhom[8].

17. Filwaqt li esprima dubji dwar l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 98/5/KE, iċ-CNF iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel id-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) Fid-dawl tal-prinċipju ġenerali ta' projbizzjoni tal-abbuż tad-dritt u tal-Artikolu 4(2) TUE dwar ir-rispett tal-identitajiet nazzjonali, l-Artikolu 3 tad-[Direttiva 98/5], għandu jiġi interpretat fis-sens li jobbliga lill-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali li jirreġistraw [jwettqu l-iskrizzjoni] fil-lista tal-avukati stabbiliti [ta'] ċittadini Taljani li jkunu adottaw imġiba abbużiva tad-dritt tal-Unjoni u jippekludi prassi nazzjonali li tippermetti lil tali awtoritajiet li jirrifjutaw applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni fil-lista tal-avukati stabbiliti fil-każ li jeżistu ċirkustanzi

4 — "Ordinamento delle professioni di avvocato e procuratore" (GURI Nru 281 tal-5 ta' Diċembru 1933).

5 — "Norme integrative e di attuazione del r.d.l. No 1578 del 27 novembre 1933, sull'ordinamento della professione di avvocato" (GURI Nru 24 tat-30 ta' Jannar 1934).

6 — Id-Digriet Leġiżlattiv 382 tat-23 ta' Novembru 1944, "Norme sui Consigli degli Ordini e Collegi e sulle Commissioni centrali professionali" (GURI Nru 98 tat-23 ta' Diċembru 1944) (iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv 382/1944"), u d-Digriet Leġiżlattiv Nru 597 tat-28 ta' Mejju 1947, "Norme sui procedimenti dinanzi ai Consigli degli ordini forensi ed al Consiglio nazionale forense" (GURI Nru 155 tal-10 ta' Lulju1947) (iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv 597/1947"). Il-materja issa hija regolata bil-Liġi Nru 247 tal-31 ta' Diċembru 2012, "Nuova disciplina dell'ordinamento della professione forense" (GURI Nru 15 tat-18 ta' Jannar 2013), li daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2013 (iktar 'il quddiem il-"Liġi 247/2012").

7 — L-Artikolu 6(6) tad-Digriet Leġiżlattiv 96/2001.

8 — L-Artikolu 6(8) tad-Digriet Leġiżlattiv 96/2001.

oġġettivi li jindikaw li jkun twettaq abbuż tad-dritt tal-Unjoni, bla ħsara, minn naħa, għar-rispett tal-prinċipju ta' proporzjonalità u ta' nondiskriminazzjoni u, min-naħa l-oħra, għad-dritt tal-persuna kkonċernata li tressaq proċeduri ġudizzjarji sabiex tasserixxi eventwali ksur tad-dritt ta' stabbiliment u, għaldaqstant, għall-istħarriġ ġudizzjarju tal-azzjoni amministrattiva?

(2) Fil-każ ta' risposta [fl-affermattiv] għall-ewwel domanda, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 98/5/KE, interpretat b'dan il-mod, għandu jiġi kkunsidrat invalidu fid-dawl tal-Artiklu 4(2) TUE sa fejn jippermetti li tiġi evitata l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta l-aċċess għall-professjoni ta' avukat għall-kundizzjoni li wieħed jgħaddi minn eżami tal-Istat meta tali eżami jkun previst fil-Kostituzzjoni tal-imsemmi Stat u jifforma parti mill-prinċipji fundamentali ta' protezzjoni tal-utenti ta' attivitajiet professjonali u ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja?"

18. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn A. A. Torresi u P. Torresi, mill-Gvernijiet tal-Italja, Spanja, l-Awstrija, il-Polonja u r-Rumanija, mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni. A. A. Torresi u P. Torresi, il-Gvernijiet tal-Italja u ta' Spanja, kif ukoll il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għamlu sottomissjonijiet orali waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2014.

## III – **Analiżi**

### A – *Ġurisdizzjoni*

19. Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-entità li tagħmel talba għal deċiżjoni preliminari għandhiex in-natura ta' "qorti jew tribunal" skont l-Artikolu 267 TFUE, liema kwistjoni hija rregolata unikament mid-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tikkunsidra numru ta' elementi, bħal jekk l-entità hijiex stabbilita b'liġi, jekk din hijiex waħda permanenti, in-natura obbligatorja tal-ġurisdizzjoni tagħha, in-natura kontradittorja tal-proċedura, l-applikazzjoni mill-entità tad-dispożizzjonijiet legali, kif ukoll l-indipendenza tagħha [9].

20. Fuq kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara li entità nazzjonali tista' tiġi kwalifikata bħala qorti jew tribunal skont l-Artikolu 267 TFUE kull meta tkun qiegħda twettaq funzjonijiet ġudizzjarji, anki jekk ma tiġix rikonoxxuta bħala tali meta tkun qiegħda teżerċita funzjonijiet ta' natura amministrattiva. Għalhekk, f'każ ta' entità fdata bil-liġi b'kategoriji differenti ta' funzjonijiet — bħal, ma ser naraw, iċ-CNF — il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li huwa meħtieġ li jiġi stabbilit f'liema kapaċità qiegħda taġixxi dik l-entità fi ħdan il-kuntest legali partikolari li fih qiegħda titlob li tingħata deċiżjoni taħt l-Artikolu 267 TFUE [10]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tat importanza partikolari għal jekk hemmx 'tilwima' pendenti quddiem dik l-entità u jekk hijiex imsejħa biex tagħti deċiżjoni fi proċedimenti maħsuba biex iwasslu għal deċiżjoni ta' natura ġudizzjarja [11].

21. Fil-kawża preżenti, A. A. Torresi u P. Torresi ressqu żewġ raġunijiet għat-teżi tagħhom li ċ-CNF ma hijiex "qorti jew tribunal ta' Stat Membru" għall-għanijiet tal-Artikolu 267 TFUE. L-ewwel nett, iċ-CNF, fil-fehma tagħhom, ma jissodisfax il-kriterju tal-indipendenza, peress li l-membri tiegħu ma jistgħux jitqiesu li huma imparzjali. It-tieni nett, huma jargumentaw li l-funzjonijiet imwettqa miċ-CNF huma purament amministrattivi, peress li d-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċedura hija ta' natura amministrattiva.

9 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi tas-17 ta' Settembru 1997, Dorsch Consult (Kawża C-54/96, Ġabra p. I-4961, punt 23); tal-31 ta' Mejju 2005, Syfait *et* (Kawża C-53/03, Ġabra p. I-4609, punt 29); u tal-14 ta' Ġunju, 2011, *Miles et* (Kawża C-196/09, Ġabra p. I-5105, punt 37).

10 — Ara, pereżempju, id-digriet tas-26 ta' Novembru 1999, ANAS (Kawża C-192/98, Ġabra p. I-8583, punti 22 u 23); u s-sentenza tal-31 ta' Jannar 2013, Belov (Kawża C-394/11, punti 40 u 41).

11 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' Ottubru 1995, Job Centre (Kawża C-111/94, Ġabra p. I-3361, punti 9 sa 11); u tal-14 ta' Ġunju 2001, Salzmann (Kawża C-178/99, Ġabra p. I-4421, punti 14 u 15).

22. F'dan li ġej, jien ser nagħti r-raġunijiet għalfejn jien tal-fehma li, fil-proċedimenti prinċipali, ċ-CNF hija kompetenti li tagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja skont il-proċedura għal deċiżjoni preliminari. Għal dan l-iskop, jien l-ewwel ser neżamina ż-żewġ kriterji li t-twettiq tagħhom huwa kkontestat minn A. A. Torresi u P. Torresi. Wara dan, jien ser nanalizza fil-qosor jekk il-kriterji l-oħra stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ġewx issodisfatti.

1. Indipendenza u imparzjalità

23. Fl-ewwel lok, A. A. Torresi u P. Torresi esprimew dubji dwar l-imparzjalità taċ-CNF. Din l-entità hija, tabilħaqq, magħmula esklużivament minn avukati kkwalifikati, li jistgħu għalhekk ikollhom interess komuni li jeskludu mis-suq kompetituri potenzjali li kisbu l-kwalifiki tagħhom barra l-pajjiż. F'dan ir-rigward, A. A. Torresi u P. Torresi jagħmlu riferiment b'mod partikolari għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Wilson [12].

24. Mill-bidu nett, għandu jiġi rilevat li, f'Gebhard [13], il-Qorti tal-Ġustizzja diġà aċċettat talba skont il-proċedura tal-Artikolu 267 TFUE għal deċiżjoni dwar domandi magħmula miċ-CNF rigward l-interpretazzjoni tad-Direttiva 77/249/KEE biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tal-libertà biex jiġu pprovduti servizzi minn avukati [14]. Minkejja l-fatt li d-deċiżjoni f'Gebhard ma tindirizzax espliċitament il-kapaċità tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi għar-rinviju, ma jistax jiġi dedott li l-Qorti tal-Ġustizzja injorat dak l-aspett tat-tilwima. Tabilħaqq, fil-konklużjonijiet tiegħu, l-Avukat Ġenerali Léger ittratta dak l-aspett u kkonkluda li, fil-proċedimenti prinċipali f'dak il-każ, iċ-CNF kellha titqies bħala "qorti jew tribunal ta' Stat Membru" għall-għanijiet tal-Artikolu 267 TFUE [15]. Barra minn hekk huwa fatt magħruf li kwistjonijiet li jikkonċernaw l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, inkluż il-ġurisdizzjoni tagħha skont l-Artikolu 267 TFUE, huma kwistjoni ta' politika pubblika u, bħala tali, jistgħu — u skont il-każ iridu — jitqajjmu *ex officio* mill-Qorti tal-Ġustizzja [16]. Għaldaqstant, jien nemmen, li kieku r-rinviju f'Gebhard kien inammissibbli minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet (u kellha) tissollevaha fuq inizjattiva tagħha, partikolarment minħabba l-fatt li l-Avukat Ġenerali dak iż-żmien kien qajjem din il-kwistjoni.

25. Madankollu, peress li Gebhard tmur lura għall-1995, wieħed jista' jistaqsi jekk il-kunċett ta' "qorti jew tribunal" skont l-Artikolu 267 TFUE evolviex fil-frattemp. B'mod partikolari, wieħed jista' jistaqsi jekk id-deċiżjoni f'Gebhard dwar dan il-punt ġietx impliċitament imxejna bis-sentenza iktar reċenti Wilson.

26. Personalment, bħala prinċipju jien minix kontra l-idea li l-interpretazzjoni tal-kriterji elaborati fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jevolvu matul iż-żmien u li xi kultant jista' jkun xieraq li dawk il-kriterji issa jiġu applikati b'mod iktar rigoruż fid-dawl tal-kundizzjonijiet tal-lum il-ġurnata.

27. Jien nemmen li fil-fatt huwa ta' importanza assoluta li l-Qorti tal-Ġustizzja żżomm ċerta flessibbiltà fir-rigward tal-evalwazzjoni tagħha tal-kriterji rilevanti taħt l-Artikolu 267 TFUE. Ir-raġuni ta' dan hija doppja. Minn naħa, id-differenzi bejn is-sistemi legali ta' — sa issa — it-28 Stat Membru huma wisq sinjifikattivi biex jiġu inkapsulati f'definizzjoni unika u komprensiva ta' "qorti jew tribunal". Min-naħa l-oħra, bla dubju dawn is-sistemi legali, inkluż l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-ġudikatura, jgħaddu minn evoluzzjoni kontinwa. Huwa imperattiv, fil-fehma tiegħi, li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tieħu kont ta' dan it-tibdil li jseħħ fil-livell nazzjonali, u tevolvi f'armonija ma' dawn l-iżviluppi.

12 — Sentenza tad-19 ta' Settembru 2006, Wilson (Kawża C-506/04, Ġabra p. I-8613).

13 — Sentenza tat-30 ta' Novembru 1995, Gebhard (Kawża C-55/94, Ġabra p. I-4165).

14 — Direttiva tal-Kunsill, tat-22 ta' Marzu 1977 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 52).

15 — Ara l-konklużjonijiet tal-20 ta' Ġunju 1995 tal-Avukat-Ġenerali Léger f'Gebhard, punti 12 sa 17 (b'mod partikolari punt 16).

16 — Ara s-sentenza tas-7 ta' Novembru 2013, Romeo (Kawża C-313/12, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28. Barra minn hekk, f'okkażjonijiet oħra, jien argumentajt favur approċċ iktar rigoruż meta wieħed jiġi biex jeżamina aspetti differenti ta' ammissibbiltà fir-rigward ta' talbiet għal deċiżjonijiet preliminari[17].

29. Madankollu, differenti minn A. A. Torresi u P. Torresi, jien minix konvint li, fid-dawl ta' Wilson, il-kriterju tal-indipendenza taħt l-Artikolu 267 TFUE ġie żviluppat — jew, fi kwalunkwe każ, għandu jiżviluppa — fid-direzzjoni ta' iktar rigorożità. Għaldaqstant, jien l-ewwel ser nispjega għalfejn, fil-fehma tiegħi, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kellhiex, il-ħsieb li s-sentenza Wilson ixxejjen is-sentenza Gebhard. Wara dan, jien ser nagħti r-raġunijiet għalfejn, fi kwalunkwe każ, jien ma naħsibx li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha xxejjen is-sentenza Gebhard billi testendi r-raġunament tas-sentenza Wilson għal kuntest legali differenti.

a) Is-sentenza Wilson ma xejnitx is-sentenza Gebhard

30. F'Wilson, il-Luxembourg Cour administrative (Il-Qorti Amministrattiva Għolja) għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi rigward is-sistema ta' stħarriġ ta' deċiżjonijiet li jirrifjutaw li persuni jkunu ammessi għall-professjoni ta' avukat fil-Lussemburgu. Essenzjalment, dawk id-domandi kienu jikkonċernaw il-kompatibbiltà ta' xi dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Lussemburgu mar-rekwiżiti taħt id-Direttiva 98/5/KE.

31. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-proċeduri ta' stħarriġ quddiem il-"Kumitat ta' Dixxiplina u Amministrattiv" jew il-"Kumitat ta' Dixxiplina u ta' Appelli Amministrattivi" (iktar 'il quddiem il-"Kumitati") stabbiliti bil-Liġi tal-Lussemburgu tal-10 ta' Awwissu 1991 dwar il-professjoni ta' avukat ma kinitx tikkostitwixxi "rimedju (xieraq) quddiem qorti jew tribunal" għall-għanijiet tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 98/5/KE. Il-Qorti tal-Ġustizzja ikkonkludiet li l-Kumitati, komposti esklużivament jew primarjament minn avukati ta' ċittadinanza tal-Lussemburgu, ma kinux joffru biżżejjed garanziji ta' imparzjalità[18].

32. Mill-bidu nett, huwa importanti li jiġi rilevat li, f'Wilson, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ċaħditx talba għal deċiżjoni preliminari minn wieħed mill-Kumitati minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni; pjuttost, kienet ġiet sempliċement mitluba, minn qorti amministrattiva, biex tistabbilixxi l-kompatibbiltà tal-liġi rilevanti tal-Lussemburgu mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 98/5/KE. Huwa f'dak il-kuntest speċifiku li l-Qorti tal-Ġustizzja "isselfet" il-prinċipji żviluppati taħt l-Artikolu 267 TFUE biex tinterpreta dik id-dispożizzjoni. Għalhekk, il-perspettiva li minnha l-Qorti tal-Ġustizzja għamlet l-analiżi tagħha f'dak il-każ kienet differenti. Dan huwa punt kruċjali li nerġa' lura għalih iktar tard.

33. Essenzjalment, fil-fehma tiegħi, Wilson tappartjeni għal-linja ta' awtorità li biha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li entitajiet nazzjonali li jisimgħu kontestazzjonijiet ta' deċiżjonijiet li jittieħdu minn korpi professjonali jistgħu[19], jew ma jistgħux[20], jissodisfaw il-kunċett ta' "qorti jew tribunal" għall-għanijiet tal-Artikolu 267 TFUE, skont iċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ.

17 — Ara l-konklużjonijiet tal-5 ta' Settembru 2013, Venturini *et* (Kawżi magħquda C-159/12 sa C-161/12, punti 16 sa 63); tat-12 ta' Diċembru 2013, Pohotovosť (Kawża C-470/12, punti 20 sa 38); u tal-21 ta' Novembru 2013, Macinský u Macinská (Kawża C-482/12), it-talba għal sentenza ġiet irtirata fil-31 ta' Diċembru 2013, punti 32 sa 58.

18 — Wilson, punt 54 *et seq.*

19 — Ara s-sentenzi tat-30 ta' Ġunju 1966, Vaassen-Göbbels (Kawża 61/65, Ġabra p. 261); tas-6 ta' Ottubru 1981, Broekmeulen (Kawża 246/80, Ġabra p. 2311); tat-8 ta' April 1992, Bauer (Kawża C-166/91, Ġabra p. I-2797); Gebhard; u, iktar reċenti, tat-22 ta' Diċembru 2010, Koller (Kawża C-118/09, Ġabra p. I-13627). Ta' minn jinnota, li f'dan l-aħħar każ, deċiż wara Wilson, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Oberste Berufungs- und Disziplinarkommission (il-Bord tal-Appelli u tad-Dixxiplina tal-Avukati Awstrijak) kien jikkostitwixxi "qorti jew tribunal" għall-għanijiet tal-Artikolu 267 TFUE.

20 — Ara d-digrieti tat-18 ta' Ġunju 1980, Borker (Kawża 138/80, Ġabra p. 1975) u tal-5 ta' Marzu 1986, Greis Unterweger (Kawża 318/85, Ġabra p. 955).

34. F'dan ir-rigward, jien infakkar li, bis-sentenza Corbiau, għall-ewwel darba il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li l-kunċett tal-indipendenza jrid jinftiehem bħala rekwiżit li, fil-kuntest tal-proċedimenti prinċipali, l-entità nazzjonali trid taġixxi bħala "parti terza fir-rigward tal-awtorità li adottat id-deċiżjoni li tifforma is-suġġett tal-proċedimenti" [21].

35. F'Wilson, il-Qorti tal-Ġustizzja irrilevat li l-kunċett ta' indipendenza għandu żewġ aspetti, wieħed estern u ieħor intern. L-aspett estern tal-indipendenza jimplika li l-korp li jitlob li tingħata deċiżjoni jkun protett minn interventi jew pressjonijiet esterni li jistgħu jqiegħdu fil-periklu l-indipendenza tad-deċiżjoni tal-membri tiegħu fir-rigward tal-kawżi mressqa quddiemhom. Jien ser nagħmel riferiment għal dan l-aspett bħala indipendenza *stricto sensu*.

36. L-aspett intern huwa marbut mal-kunċett ta' imparzjalità u jikkonċerna l-ekwidistanza fir-rigward tal-partijiet għall-kawża u tal-interessi rispettivi tagħhom fir-rigward tas-suġġett ta' dawk il-proċedimenti. Dan l-aspett jeħtieġ oġġettività u l-assenza ta' xi interess fl-eżitu tal-proċedimenti apparti l-applikazzjoni stretta tal-istat tad-dritt. Jien ser nagħmel riferiment għal dan l-aspett bħala dak tal-imparzjalità.

37. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali garanziji ta' indipendenza (*stricto sensu*) u imparzjalità jeħtieġu "l-eżistenza ta' regoli, b'mod partikolari, għal dak li jikkonċerna l-kompożizzjoni ta' l-istanza, il-ħatra, it-terminu tal-funzjonijiet kif ukoll il-kawżi ta' astensjoni, ta' kontestazzjoni u ta' revoka tal-membri tagħha, li jippermettu li jitneħħa kull dubju leġittimu, fl-imħuħ tal-persuni suġġetti għall-ġurisdizzjoni tal-qrati, fir-rigward ta' l-impermeabbiltà ta' din l-istanza fir-rigward ta' l-elementi esterni u tan-newtralità tagħha fir-rigward ta' l-interessi li taffronta" [22].

38. F'Wilson, wara li saret analiżi tal-isfond legali rilevanti, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni li dawk il-garanziji ma kinux jeżistu. Fl-ewwel lok, skont il-liġi tal-Lussemburgu, ma kien hemm ebda dispożizzjonijiet speċifiċi rigward ir-rifjut jew l-astensjoni ta' membri tal-Kumitati; lanqas ma kien hemm xi dispożizzjoni magħmula għal protezzjoni minn interventi jew pressjonijiet indebiti minn naħa tal-eżekuttiv, pereżempju permezz ta' dispożizzjoni statutorja li tiggarantixxi l-libertà minn istruzzjonijiet. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, skont il-liġi tal-Lussemburgu, il-membri tal-Kumitati kienu kollha jew primarjament, avukati ta' ċittadinanza tal-Lussemburgu [23] eletti minn żewġ -Ordni tal-avukati lokali, jiġifieri, proprju minn dawk l-entitajiet li d-deċiżjonijiet tagħhom ikunu s-s-suġġett ta' kwalunkwe stħarriġ. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-membri tal-Ordni tal-avukati lokali u tal-Kumitati kellhom interess komuni: li jikkonfermaw deċiżjoni li jneħħu mis-suq kompetitur li jkun kiseb il-kwalifikazzjoni professjonali tiegħu fi Stat Membru ieħor.

39. B'kuntrast ma' dan, il-liġijiet Taljani li huma rilevanti għall-każ preżenti jinkludu dispożizzjonijiet mfassla biex jiggarantixxu kemm l-indipendenza *stricto sensu* u l-imparzjalità tal-membri taċ-CNF.

40. B'mod partikolari, l-Artikolu 49 tad-Digriet Liġi 1578/1933 u l-Artikolu 2 tad-Digriet Leġiżlattiv 597/1947 jipprovdu, li f'proċedimenti quddiem iċ-CNF, il-partijiet jistgħu joġġezzjonaw għal xi wieħed mill-membri sedenti fil-kawża għall-istess raġunijiet li, skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Taljan, jistgħu joġġezzjonaw għal imħallfin ordinarji. Dawn id-dispożizzjonijiet jistipulaw ukoll li l-membri taċ-CNF imsejħin biex jisimgħu każ huma obbligati li jastjenu jekk isiru jafu bl-eżistenza ta' dawk ir-raġunijiet, anki jekk l-ebda parti ma tkun ressqet xi oġġezzjoni f'dan is-sens [24].

21 — Sentenza tat-30 ta' Marzu 1993 (Kawża C-24/92, Ġabra p. I-1277, punt 15). Ara wkoll is-sentenza tat-30 ta' Mejju 2002, Schmid (Kawża C-516/99, Ġabra p. I-4573, punt 36); u Wilson, punt 49.

22 — Wilson, punti 51 sa 53. Ara wkoll id-digriet tal-14 ta' Mejju 2008, Pilato (Kawża C-109/07, Ġabra p. I-3503, punt 24); u d-digriet tal-14 ta' Novembru 2013, MF 7 (Kawża C-49/13, punt 23.

23 — Wilson, punti 18 u 54.

24 — Dwar l-importanza ta' dispożizzjonijiet simili, ara s-sentenza tal-4 ta' Frar 1999, Köllensperger u Atzwanger (Kawża C-103/97, Ġabra p. I-551, punt 22). Ara wkoll digriet tal-14 ta' Mejju 2008, Pilato (Kawża C-109/07, Ġabra p. I-3503, punti 24 u 29); u Schmid, punt 41.

41. Barra minn hekk, hemm regoli li jiżguraw is-sigurtà tal-kariga tal-membri taċ-CNF. Dawn jiġu eletti għal perijodu ta' tliet snin u jibqgħu fil-kariga sakemm jieħdu l-kariga l-membri l-ġodda wara elezzjoni[25]. La l-Ministru tal-Ġustizzja u l-ebda awtorità pubblika oħra ma għandhom xi poter li jkeċċu xi membru taċ-CNF, jew iġiegħluh jirriżenja[26]. Fil-fatt, ma hemm l-ebda rabta, ġerarkika jew funzjonali, ma' dawk l-awtoritajiet pubbliċi. Lanqas il-President taċ-CNF innifsu ma għandu xi poter fuq il-membri l-oħra taċ-CNF, jew fuq deċiżjonijiet taċ-CNF li ma jaqbilx magħhom[27].

42. Barra minn hekk, ma jista' jkun hemm l-ebda rabta personali bejn iċ-CNF u l-Kunsilli tal-ordni tal-avukati lokali għaliex, skont l-Artikolu 13 tad-Digriet Leġiżlattiv 382/1944, sħubija f'Kunsill tal-ordni tal-avukati lokali huwa inkompatibbli ma' sħubija fiċ-CNF. Barra minn hekk ma hemm ebda dispożizzjoni fil-liġi Taljana li tillimita l-isħubija fiċ-CNF għal avukati ta' ċittadinanza Taljana[28]. Forsi huwa importanti li ma jiġix injorat il-fatt li, bħal kull avukat ieħor iskritt fil-lista, avukati skritti fit-taqsima speċjali tal-lista ddedikata għal avukati kkwalifikati barra l-pajjiż ukoll għandhom id-dritt li jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-ħatra tal-membri taċ-CNF[29]. Barra minn hekk, huwa pjuttost eżaġerat l-argument li kwalunkwe membru taċ-CNF ikun bejn wieħed u ieħor f'kompetizzjoni diretta mal-avukati kkwalifikati barra mill-pajjiż li japplikaw għall-iskrizzjoni: apparti li jkunu reġistrati f'taqsimiet differenti tal-lista[30], huma attivi f'distretti tal-qorti tal-appell differenti[31].

43. L-obbligu statutorju li ċ-CNF ikun newtrali f'każijiet li jitressqu quddiemu huwa kkonfermat ulterjorment bil-fatt li, mhux bħal Kunsill tal-ordni tal-avukati lokali, iċ-CNF ma jistax ikun parti fil-proċedimenti speċjali tal-appell quddiem il-Corte di Cassazione kontra d-deċiżjonijiet tiegħu, "minħabba l-pożizzjoni tiegħu bħala terza parti għar-rigward tal-każ"[32].

44. Bħala konklużjoni, jien inqis li għandha ssir distinzjoni bejn Gebhard u Wilson, minħabba d-differenza mmarkata bejn il-kuntesti legali u fattwali ta' kull każ. Jien ma nara li hemm ebda element fit-test tas-sentenza l-iktar reċenti li jista' jiġi interpretat bħala li jimplika li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-ħsieb li xxejjen d-deċiżjoni preċedenti.

b) Is-sentenza Wilson ma għandhiex ixxejjen is-sentenza Gebhard

45. Iktar importanti minn hekk, jien tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex ixxejjen is-sentenza Gebhard billi tapplika *ipso facto* ir-raġunament żviluppat fis-sentenza Wilson għal kuntest legali ieħor.

46. Kif imsemmi iktar 'il fuq, f'Wilson, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddikjaratx bħala inammissibbli talba għal deċiżjoni preliminari, imma rrispondiet biss domandi magħmula lilha mill-Cour administrative tal-Lussemburgu, dwar il-kompatibbiltà tal-liġi tal-Lussemburgu rilevanti mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 98/5/KE.

25 — L-Artikolu 15 tad-Digriet Leġiżlattiv 382/1944. Dwar l-importanza ta' tali element, ara s-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2007, Häupl (Kawża C-246/05, Ġabra p. I-4673, punt 18); u d-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Novembru 2013, MF 7 (punti 22 sa 24).

26 — Skont l-Artikolu 8 tad-Digriet Leġiżlattiv, il-Ministru tal-Ġustizzja għandu l-poter li jxolji l-Kunsilli tal-ordni tal-avukati lokali biss meta dawn l-entitajiet "ma jkunux jistgħu jiffunzjonaw b'mod regolari", f'liema każ il-funzjonijiet tagħhom jiġu eżerċitati temporanjament minn kummissarju speċjali, għal massimu ta' 90 ġurnata, qabel ma jiġi elett il-Kunsill il-ġdid. Madankollu, sa fejn nista' nifhem jien, ma hemmx dispożizzjoni simili fir-rigward taċ-CNF.

27 — Ara Schmid, punti 41 u 42.

28 — Ara l-Artikoli 33 u 34 tad-Digriet Liġi 1578/1933 u l-Artikolu 21 tad-Digriet Leġiżlattiv 382/1944.

29 — L-Artikolu 6(9) tad-Digriet Leġiżlattiv 96/2001.

30 — L-applikanti jridu jiġu skritti f'taqsima speċjali tal-lista stabbilita mill-Kunsill tal-ordni tal-avukati lokali (ara l-Artikolu 6 tad-Digriet Leġiżlattiv 96/2001), filwaqt li l-membri taċ-CNF iridu jkunu skritti fit-taqsima speċjali tal-lista tal-avukati li għandhom id-dritt li jidhru quddiem l-ogħla qrati, miżmuma miċ-CNF innifsu (ara l-Artikolu 33 tad-Digriet Liġi 1578/1933 u l-Artikolu 21 tad-Digriet Leġiżlattiv 382/1944).

31 — Skont il-prassi stabbilita miċ-CNF, kull membru taċ-CNF li ġie elett mid-distrett tal-Qorti tal-Appell li għaliha jappartjeni l-Kunsill tal-ordni tal-avukati lokali li d-deċiżjoni tiegħu hija suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, ma jifformax parti mill-formazzjoni li tisma' l-kawża.

32 — Cassazione Civile, Sezioni Unite, id-digriet tal-11 ta' Jannar 1997, Nru 12. Rigward l-importanza ta' dan l-aspett, ara Belov, punt 49, u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano fi Schmid, punt 31.

47. Għalija huwa evidenti li, jekk l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 98/5/KE għandu jiġi implementat b'mod korrett fil-liġi nazzjonali, trid issir dispożizzjoni għal rimedju legali li — fost karatteristiċi oħra — jkun konsistenti mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"KEBD") u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewopea (iktar 'il quddiem il-"Karta") [33]. Bil-maqlub, ma huwa bl-ebda mod evidenti għalija li, fi ħdan is-sistema legali tal-UE, li l-Artikolu 267 TFUE jimponi limitu daqstant għoli biex qorti nazzjonali tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja skont il-proċedura għal deċiżjoni preliminari.

48. Għal kuntrarju, l-istess raġunijiet li jimmilitaw favur applikazzjoni stretta tal-Artikolu 6 KEDB u tal-Artikolu 47 tal-Karta pjuttost jidhru li jissuġġerixxu interpretazzjoni inqas riġida tal-kunċett ta' "qorti jew tribunal" għall-għanijiet tal-Artikolu 267 TFUE.

49. Applikazzjoni stretta tar-rekwiżiti fl-Artikolu 6 KEDB u fl-Artikolu 47 tal-Karta hija neċessarja biex tiġi msaħħa l-protezzjoni tal-individwi u jiġi żgurat standard għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Madankollu, applikazzjoni stretta żżejjed tal-kriterji stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-ammissibbiltà ta' rinviji skont l-Artikolu 267 TFUE toħloq ir-riskju li jwassal għar-riżultat oppost: l-individwi jiġu mċaħħda mill-possibbiltà li jkollhom l-"imħallef naturali" (il-Qorti tal-Ġustizzja) li jisma' t-talbiet tagħhom ibbażati fuq id-dritt tal-UE u, bil-konsegwenza, li l-effikaċja tad-dritt tal-UE fl-Unjoni Ewropea tiddgħajjef.

50. Biex inkun ċar: jien mhux qiegħed nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tadotta attitudni laxka rigward il-kriterju tal-indipendenza (jew, għall-argument, rigward kwalunkwe kriterju ieħor).

51. L-awturi tat-Trattat ikkontemplaw b'mod ċar il-proċedura dwar deċiżjoni preliminari bħala strument ta' djalogu bejn "imħallef u imħallef". F'dan il-kuntest, ma għandux jiġi injorat, li żewġ prinċipji kruċjali li jinsabu fil-qalba tal-arkitettura ġudizzjarja tal-UE huma dawk tas-sussidjarjetà u tal-awtonomija proċedurali [34]. Il-proċedura għal deċiżjoni preliminari, għaldaqstant, hija l-proċedura li, iktar minn kull proċedura oħra stabbilita bit-Trattati tal-UE, kienet ikkonċeputa biex tiżgura li l-qrati nazzjonali u l-qrati tal-UE jaħdmu flimkien daqslikieku jappartjenu għal komunità legali *waħda* [35]. F'dan il-kuntest, l-evidenza kollha tissuġġerixxi li l-kriterju tal-indipendenza *stricto sensu* u tal-imparzjalità għandhom funzjoni importanti x'jaqdu, peress li huma rekwiżiti li huma inerenti fil-kunċett ta' "qorti jew tribunal" fil-ħsieb legali u politiku modern [36].

52. Madankollu, jien inwissi biex Wilson ma tiġix ittrattata bħala preċedent li, bl-introduzzjoni ta' element innovattiv fuq il-ġurisprudenza preċedenti, jimponi issa fuq il-Qorti tal-Ġustizzja analiżi fil-fond tar-raġunijiet kollha possibbli li jistgħu jagħtu lok għal xi suspett dwar l-imparzjalità (jew l-indipendenza *stricto sensu*) tal-entità li tagħmel ir-rinviju.

53. Kull fejn huwa ċar li entità nazzjonali tiġi mogħtija b'mod formali l-istatus ta' korp ġudizzjarju fis-sistema legali tagħha stess, u li — konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja — jeżistu regoli biżżejjed skont il-liġi nazzjonali li jiggarantixxu l-indipendenza *stricto sensu* u l-imparzjalità ta' dik l-entità u tal-membri tagħha, jien ma nemminx li l-analiżi tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha tmur lil

33 — Ara r-riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-punt 57 tas-sentenza Wilson.

34 — Ara G.C. Rodríguez Iglesias, "L'évolution de l'architecture juridictionelle de l'Union européenne", f'A. Rosas, E. Levits, Y. Bot, *The Court of Justice and the Construction of Europe: Analyses and Perspectives on Sixty Years of Case-law*, Asser Press, Den Haag: 2013, p. 37 sa 48, f'p. 43 u 44.

35 — Kif argumentat b'mod b'saħħtu l-Qorti tal-Ġustizzja fl-Opinjoni tat-8 ta' Marzu 2011 (Ġabra p. I-1137, punt 85), fejn għamlet riferiment b'mod partikolari għas-sistema stabbilita bl-Artikolu 267 TFUE, "l-funzjonijiet attribwiti, lill-qrati nazzjonali u lill-Qorti tal-Ġustizzja, rispettivament, huma essenzjali għaż-żamma tan-natura stess tad-dritt istitwit mit-trattati".

36 — Pereżempju, skont il-Prinċipji 1 u 2 tal-"Prinċipji dwar l-Indipendenza tal-Ġudikatura" approvati bir-Riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti 40/32, tad-29 ta' Novembru 1985 u 40/146 tat-13 ta' Diċembru 1985: "1. L-indipendenza tal-ġudikatura għandha tkun iggarantita mill-Istat u mnaqqxa fil-Kostituzzjoni jew il-liġi tal-pajjiż. [...] 2. Il-ġudikatura għandha tiddeċiedi dwar materji quddiemha b'mod imparzjali, abbażi tal-fatti u konformi mal-liġi, mingħajr ebda restrizzjonijiet, influwenzi mhux xierqa tħajjir, pressjonijiet, theddid jew indħil, dirett jew indirett, minn kwalunkwe naħa jew għal kwalunkwe raġuni."

hinn minn hekk fuq dan il-punt. Kif ġie dikjarat mill-Qorti tal-Ġustizzja stess f'Köllensperger u Atzwanger, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tinferixxi li tali dispożizzjonijiet nazzjonali jistgħu jiġu applikati b'mod li jmur kontra l-prinċipji mħaddna fis-sistema legali nazzjonali jew "il-prinċipji ta' Stat iggvernat bl-istat tad-dritt" [37].

54. Għalhekk, sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet speċifiċi ta' dritt tal-UE (bħall-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 98/5/KE) li jirrikjedu tali evalwazzjoni, il-kwistjoni jekk is-sistema ta' rimedji nazzjonali għandhiex xi nuqqas għal dik li hija indipendenza u imparzjalità tista' tkun kwistjoni li għandha tiġi evalwata mil-leġiżlatura nazzjonali (jew il-qrati nazzjonali) u, skont il-każ, tiġi kkorreġuta, imma evidentement ma hijiex kwistjoni ta' dritt tal-UE.

55. Permezz ta' dawn id-digrieti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ġietx magħmula domanda dwar jekk is-sistema tal-appell quddiem iċ-CNF tikkonformax mal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 98/5/KE; din lanqas ma hija kwistjoni li tista' tiġi mqajma mill-Qorti tal-Ġustizzja *ex officio*. Sal-punt li l-garanziji rikjesti mill-ġurisprudenza tagħha jiġu ssodisfatti (kif ġew, fil-fehma tiegħi, fil-każ taċ-CNF), ma hemm l-ebda bażi biex il-Qorti tal-Ġustizzja tirrifjuta li tagħti deċiżjoni minħabba allegat nuqqas ta' imparzjalità jew indipendenza *stricto sensu* minn naħa tal-entità li tagħmel ir-rinviju.

56. Dan ikun, fil-fatt, żvilupp tabilħaqq inkwetanti. Ħarsa fuq lejn is-sistemi legali tal-Istati Membri turi li f'ħafna pajjiżi, hemm qrati jew tribunali li huma komposti, fit-totalità tagħhom jew parzjalment, mhux minn imħallfin professjonali imma minn rappreżentanti ta' professjonijiet jew ta' gruppi soċjali jew ekonomiċi. Bħala eżempju, il-każ influwenti ta' Laval Un Partneri [38], deċiż mill-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2007, kien jikkonċerna talba għal deċiżjoni preliminari mill-*Arbetsdomstolen*, il-Qorti tax-Xogħol tal-Isvezja, fejn membri li jirrappreżentaw l-interessi ta' min iħaddem u tal-impjegati jpoġġu flimkien ma' imħallfin professjonali.

57. Jekk wieħed kellu jimbotta 'l quddiem ir-raġunament f'Wilson għall-estrem, kif ġie argumentat minn A. A. Torresi u P. Torresi, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tistaqsi jekk xi membri tal-*Arbetsdomstolen* setax kellhom interess komuni li jeskludu l-kompetizzjoni barranija mis-settur tal-kostruzzjoni Svediż. Din il-linja ta' raġunament setgħet twassal biex il-Qorti tal-Ġustizzja ssostni li ma kellhiex ġurisdizzjoni.

58. Bl-istess mod, nosserva li l-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat talbiet għal deċiżjonijiet preliminari mill-*Arbejdsret* (il-Qorti tax-Xogħol Daniża) [39] u mill-*Faglige Voldgiftsret* (il-Bord ta' Arbitraġġ Industrijali Daniż) [40], li mhux biss għandhom kompożizzjoni simili għal dik tal-*Arbetsdomstol* [41], imma wkoll jifformaw parti mis-sistema ta' riżoluzzjoni ta' tilwim li — minkejja li ġiet stabbilita u hija rregolata bil-liġi statutorja — sa ċertu punt teżisti parallellament ma' dik tal-qrati ordinarji Daniżi.

59. Madankollu, interpretazzjoni stretta żżejjed tal-kriterju tal-imparzjalità tkun ukoll diffiċli li tiġi rrikonċiljata mal-pożizzjoni li, f'ċerti ċirkustanzi, anki tribunal ta' arbitraġġ jista' jitqies ukoll bħala "qorti jew tribunal" għall-għanijiet tal-Artikolu 267 TFUE.

37 — Köllensperger u Atzwanger, punt 24.

38 — Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2007 (Kawża C-341/05, Ġabra p. I-11767).

39 — Sentenza tas-17 ta' Diċembru 1987, Ny Mølle Kro (Kawża 287/86, Ġabra p. 5465).

40 — Sentenza tas-17 ta' Ottubru, 1989, Danfoss (Kawża 109/88, Ġabra p. 3199).

41 — Għas-sens ta' kompletezza, wieħed jista' jżid jgħid li hemm numru ta' każijiet, li fil-preżent huma pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li jikkonċernaw rinviji mit-Työtuomioistuin (il-Qorti tax-Xogħol tal-Finlandja), qorti bi statut simili għall-Arbetsdomstolen u l-Arbejdsretten; Kawża C-533/13, AKT, u Kawżi magħquda C-513/11 u C-512/11, Ylemmät Toimihenkilöt YTN u Terveys- ja sosiaalialan neuvottelujärjestö TSN. Sa fejn naf jien, ebda parti ma kkontestat in-natura tal-entità li għamlet ir-rinviju. Lanqas l-Avukat Ġenerali Kokott, fil-konklużjonijiet tagħha f'Ylemmät Toimihenkilöt YTN u Terveys- ja sosiaalialan neuvottelujärjestö TSN, ma ħasset il-ħtieġa li tqajjem il-kwistjoni fuq inizjattiva tagħha.

60. Jekk Wilson tiġi interpretata bħala li timponi fuq il-Qorti tal-Ġustizzja l-obbligu li tagħmel analiżi ġdida fil-fond biex tistabbilixxi jekk qrati u tribunali nazzjonali għandhomx l-indipendenza u l-imparzjalità rikjesta, billi tmur lil hinn mill-verifika formali li l-liġijiet nazzjonali jipprovdu biżżejjed garanziji f'dak ir-rigward, dan għalhekk ikollu konsegwenzi estensivi. Jinħoloq ir-riskju li numru sinjifikattiv ta' entitajiet ġudizzjarji nazzjonali jaqgħu barra mill-kunċett ta' "qorti jew tribunal" għall-għanijiet tal-Artikolu 267 TFUE, bir-riżultat li s-sistema ta' protezzjoni għall-individwi tiddgħajjef, u tiġi mxekkla l-effikaċja tad-dritt tal-UE.

61. Għalhekk jien nikkonkludi li l-kriterju tal-indipendenza jidher li ġie ssodisfatt miċ-CNF.

2. Eżerċizzju ta' funzjonijiet ġudizzjarji

62. Fit-tieni lok, A. A. Torresi u P. Torresi jsostnu li, għar-rigward tal-iskrizzjonijiet fil-lista, u b'kuntrast ma' kwistjonijiet dixxiplinari, iċ-CNF sempliċement jeżerċita funzjonijiet amministrattivi. Fil-fatt, id-deċiżjoni li ttieħdet miċ-CNF fl-aħħar tal-proċedura għandha titqies bħala att ta' natura amministrattiva.

63. Madankollu, ma għandux jiġi injorat li, f'Gebhard, G. Stark, avukat Ġermaniż stabbilit fl-Italja, adixxa liċ-CNF b'żewġ kawżi ppreżentati minnu: waħda li tikkontesta multa dixxiplinari imposta mill-Kunsill tal-ordni tal-avukati ta' Milan u oħra li tikkontesta r-rifjut impliċitu mill-istess Kunsill tal-ordni tal-avukati, tal-applikazzjoni tiegħu għall-iskrizzjoni fil-lista.

64. Li wieħed kellu jikkunsidra l-argumenti mressqa minn A. A. Torresi u P. Torresi bħala korretti, dan ikun ifisser li, f'Gebhard, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet il-ġurisdizzjoni tagħha unikament fuq il-bażi tal-ewwel kawża u mhux b'riferiment għat-tieni waħda. Madankollu, ma hemm xejn f'Gebhard li jidher li jikkonferma tali interpretazzjoni ta' dik id-deċiżjoni. Għall-kuntrarju, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ir-rabtiet bejn iż-żewġ kawżi mressqa minn G. Stark [42]. Barra minn hekk, fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża, imsemmija iktar 'il fuq, l-Avukat Ġenerali Léger wasal għall-istess konklużjoni li, fil-każ taż-żewġ kawżi, iċ-CNF kienet qiegħda teżerċita funzjonijiet ġudizzjarji [43]. Jien inqis li l-kunsiderazzjonijiet li ġew żviluppati mill-Avukat Ġenerali Léger dwar dan il-punt huma konvinċenti.

65. Fi kwalunkwe każ, fil-fehma tiegħi is-similarità bejn iż-żewġ proċeduri li kienu pendenti quddiem iċ-CNF f'Gebhard toriġina mil-liġijiet Taljani applikabbli. Iż-żewġ proċeduri huma essenzjalment regolati bl-istess dispożizzjonijiet: l-Artikoli 54 u 56 tad-Digriet Liġi 1578/1933, u l-Artikoli 59 sa 65 tad-Digriet 37/1934.

66. Fl-aħħar nett, ma hemmx differenza bejn iż-żewġ proċeduri fil-prattika ta' kuljum taċ-CNF. Ir-Regoli ta' Proċedura taċ-CNF jistabbilixxu distinzjoni ċara bejn "seduti ġudizzjarji" (l-Artikoli 9 sa 11) u "seduti amministrattivi" (l-Artikoli 12 sa 16) ta' dik l-entità [44]. Fil-kalendarju ta' attivitajiet taċ-CNF, is-Sibt 29 ta' Settembru 2012 — il-ġurnata meta nstema' l-każ ta' A. A. Torresi u P. Torresi — kienet riservata għas-seduti ġudizzjarji taċ-CNF.

67. Madankollu, A. A. Torresi u P. Torresi jindikaw differenza waħda possibbli bejn iż-żewġ proċeduri: meta ċ-CNF jisma' każijiet dwar proċeduri dixxiplinari, dejjem ikun hemm deċiżjoni amministrattiva tal-Kunsill tal-ordni tal-avukati lokali li tiġi mistħarrġa, filwaqt li dan l-element jidher li jkun nieqes jekk Kunsill tal-ordni tal-avukati lokali jonqos li jieħu deċiżjoni fuq applikazzjoni għall-iskrizzjoni

42 — Ara Gebhard, b'mod partikolari, punti 10 sa 12.

43 — Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger f'Gebhard, punti 12 u 17 (b'mod partikolari punt 16).

44 — Ara 'Regolamento interno per le attività del Consiglio Nazionale Forense' (1992), ippubblikat f'*Rassegna forense*, 1992, p. 135.

fil-lista. A. A. Torresi u P. Torresi jagħmlu riferiment għall-Artikolu 6(8) tad-Digriet Leġiżlattiv 2001/96, li taħtu l-applikant jista', fi żmien 10 ijiem mill-iskadenza ta' 30 ġurnata mis-sottomissjoni tal-applikazzjoni, iressaq proċeduri legali quddiem iċ-CNF, li ser jiddeċiedu fuq l-iskrizzjoni jekk il-Kunsill tal-ordni tal-avukati lokali jkun għadu ma ddeċidiex.

68. Imma, l-interpretazzjoni tiegħi tal-leġiżlazzjoni Taljana hija li nuqqas minn naħa tal-Kunsill tal-ordni tal-avukati lokali li jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni minn avukat dwar iskrizzjoni fil-lista titqies li tikkostitwixxi deċiżjoni impliċita li tirrifjuta l-applikazzjoni. Għalhekk iċ-CNF mhux biss sempliċement jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni minflok il-Kunsill tal-ordni tal-avukati lokali (minħabba n-nuqqas ta' azzjoni ta' dan tal-aħħar). Imma, iċ-CNF jeżerċita setgħa ta' stħarriġ fuq deċiżjoni (anki jekk impliċita) li tittieħed minn Kunsill tal-ordni tal-avukati lokali, li jirrifjuta dik l-applikazzjoni. Huwa biss jekk isib li Kunsill tal-ordni tal-avukati lokali jkun irrifjuta b'mod żbaljat applikazzjoni, li ċ-CNF jiddeċiedi dwar is-sustanza ta' dik l-applikazzjoni, b'mod simili għal qrati amministrattivi li, skont il-liġi Taljana, għandhom is-setgħa li jagħmlu dan f'ċerti każijiet[45].

69. L-interpretazzjoni tiegħi tal-liġijiet Taljani rilevanti tidher li hija kkonfermata mill-minuti tas-seduta tad-29 ta' Settembru 2012 taċ-CNF, inklużi fil-proċess nazzjonali li ġie ttrasferit lill-Qorti tal-Ġustizzja, fejn hu indikat li s-seduta kienet tikkonċerna "l-azzjoni legali ta' Angelo Alberto Torresi kontra s-silenzju tal-Kunsill tal-ordni tal-avukati ta' Macerata". F'dan ir-rigward, jien inqis li hu iktar espliċitu l-lingwaġġ użat miċ-CNF f'xi sentenzi li jikkonċernaw każijiet simili għal ta' A. A. Torresi u P. Torresi. Iċ-CNF isemmi speċifikament "deċiżjonijiet ta' silenzju-rifjut", adottati minn Kunsilli tal-ordni tal-avukati lokali, dwar applikazzjonijiet għall-iskrizzjoni fil-lista, li dwarhom l-applikanti ressqu appelli quddiem iċ-CNF[46].

70. F'dan il-kuntest, qajla hemm għalfejn li jiġi rilevat li r-regoli dwar "silenzju negattiv" u "silenzju pożittiv" huma komuni mhux biss fid-dritt amministrattiv Taljan[47], imma anki fid-dritt amministrattiv ta' Stati Membri oħra[48], kif ukoll fis-sistema legali tal-UE[49].

71. F'dan il-punt, jista' jkun ukoll interessanti li wieħed josserva li, filwaqt li r-regola li s-silenzju jinvolvi rifjut tapplika fir-rigward ta' applikazzjonijiet li jsiru lill-Kunsilli tal-ordni tal-avukati lokali, ma tapplikax għal applikazzjonijiet li jsiru liċ-CNF[50]. Dan l-element jagħti iktar appoġġ lill-idea li, filwaqt li d-deċiżjonijiet tal-ewwel huma ta' natura amministrattiva, dawk tal-aħħar huma ta' natura ġudizzjarja.

45 — Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 7 tal-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva Taljan.

46 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-10 ta' Ottubru 1996, Nru 128, tal-Consiglio Nazionale Forense (pres. Ricciardi, rel. Sanino); is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 1996, Nru 133, tal-Consiglio Nazionale Forense (pres. Cagnani, rel. De Mauro); u s-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2011, Nru 179, tal-Consiglio Nazionale Forense (pres. Alpa, rel. Merli).

47 — B'mod partikolari, taħt il-liġi Taljana, iċ-ċittadini ġeneralment jitħallew jappellaw mis-silenzju tal-amministrazzjoni pubblika quddiem il-qrati amministrattivi kompetenti: ara b'mod partikolari l-Artikolu 31 tal-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva Taljan.

48 — Bħala eżempju li jikkonċerna l-liġi Spanjola, ara s-sentenza tal-24 ta' Marzu 2011, Il-Kummissjoni vs Spanja (Kawża C 400/08, Ġabra p. I-1915, punt 119 *et seq.*).

49 — Bħala eżempju, rigward regoli dwar silenzju pożittiv, ara l-Artikolu 10(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, tal-20 ta' Jannar 2004, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40); għar-rigward ta' regoli dwar silenzju negattiv, ara l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

50 — Ara digriet tal-Cassazione Civile, tal-4 ta' Marzu 1994, Nru 157.

72. Fl-aħħar nett, huwa veru li, differenti mil-Liġi 247/2012[51], id-Digriet Liġi 1578/1933 ma kklassifikax b'mod espliċitu bħala "ġudizzjarja" l-attività taċ-CNF rigward l-appelli minn deċiżjonijiet tal-Kunsilli tal-ordni tal-avukati jew dwar iskrizzjonijiet fil-lista[52]. Madankollu, ma huwiex ikkontestat li, fi ħdan is-sistema legali Taljan, iċ-CNF ġie rikonoxxut b'mod konsistenti bħala li jgawdi f'dan ir-rigward l-istatus ta' "organu ġudizzjarju speċjalizzat", li jieħu deċiżjonijiet li "ma humiex atti amministrattivi imma sentenzi"[53], li jingħataw wara proċedura kontradittorja[54]. Kif iddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali Taljana, iċ-CNF jeżerċita "funzjonijiet ġudizzjarji fl-interess pubbliku, interess li huwa differenti minn u superjuri għal dak tal-grupp professjonali [li huwa jirrappreżenta]"[55].

73. B'mod ċar, il-fatt li, skont il-liġi Taljana, iċ-CNF jeżerċita funzjonijiet ġudizzjarji ma huwiex deċiżiv għall-iskopijiet tal-Artikolu 267 TFUE. Madankollu, jien ma naħsibx, lanqas, li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tinjora b'mod leġġer il-klassifikazzjoni ta' entità taħt il-liġi nazzjonali. B'mod partikolari meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex quddiemha indizji ċari u li fl-istess ħin jindikaw konklużjoni differenti skont id-dritt tal-UE[56]. Madankollu, l-elementi fil-liġijiet nazzjonali applikabbli li eżaminajna ma jappoġġjaw ebda konklużjoni differenti f'din il-kawża.

### 3. Kriterji oħra

74. Barra minn hekk, fil-fehma tiegħi, fil-każ preżenti l-kriterji l-oħra stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għar-rigward tal-kunċett ta' "qorti jew tribunal" għall-għanijiet tal-Artikolu 267 TFUE ukoll jindikaw din il-konklużjoni, u l-ebda oħra.

75. L-ewwel nett, fid-dawl b'mod partikolari tad-Digriet Liġi 1578/1933 (u iktar reċenti, tal-Liġi 247/2012), mingħajr ebda dubju, iċ-CNF huwa stabbilit bil-liġi u għandu karattru permanenti.

76. Bl-istess mod, huwa ċar li l-ġurisdizzjoni taċ-CNF hija obbligatorja għall-partijiet. Il-kompetenza taċ-CNF għar-rigward ta' iskrizzjonijiet fil-lista hija, fil-fatt, obbligatorja[57], u ma tiddependix fuq xi ftehim bejn il-partijiet f'dan is-sens[58]. Tabilħaqq, għal A. A. Torresi u P. Torresi, hija l-uniku mezz legali kif jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-ordni tal-avukati ta' Macerata għar-rigward tal-applikazzjonijiet tagħhom[59].

77. Huwa veru li d-deċiżjonijiet taċ-CNF jistgħu jkunu suġġetti għal appell speċjali quddiem il-*Corte di Cassazione, Sezioni Unite*. Madankollu, tali appell jeżisti biss fuq punti ta' dritt[60]. Dan ikun ifisser li l-effikaċja tal-mekkaniżmu tad-deċiżjoni preliminari previst fl-Artikolu 267 TFUE jiġi mdgħajjef jekk l-istatus taċ-CNF bħala "qorti jew tribunal" ma tiġix rikonoxxuta minn din il-qorti[61].

51 — L-Artikolu 36 tal-Liġi 247/2012 jgħid b'mod espliċitu li ċ-CNF għandu "ġurisdizzjoni" ('*competenza giurisdizionale*') kemm fi kwistjonijiet dixxiplinari u rigward iskrizzjonijiet fil-lista. Barra minn hekk, l-Artikolu 37 ta' dik il-liġi jipprovdi li "peress li jikkonċerna kawżi previsti fl-Artikolu 36, iċ-CNF għandu jiddeċiedi konformi mal-Artikoli 59 sa 65 tad-Digriet 37/1934, u japplika, fejn neċessarju, ir-regoli u l-prinċipji tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili [Taljan]". Dan ifisser li l-Liġi 247/2012 li ġiet promulgata reċentement, mhux talli biddlet il-proċedura fis-seħħ meta A. A. Torresi u P. Torresi ressqu l-każijiet tagħhom, imma essenzjalment tikkonferma l-validità tagħha.

52 — L-Artikolu 54 tad-Digriet Liġi 1578/1933 jgħid, *inter alia*, li ċ-CNF "għandu jiddeċiedi dwar kawżi mressqa quddiemu konformi mal-liġi preżenti".

53 — Fil-fatt, bħal kull sentenza oħra fl-Italja, is-sentenzi mogħtija miċ-CNF jiġu mogħtija "*in nome del popolo italiano*" ("f'isem il-poplu Taljan"), konformi mal-Artikolu 101 tal-Kostituzzjoni Taljana.

54 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-Cassazione Civile, Sezioni Unite, tat-12 ta' Marzu 1980, Nru 1639. Iktar reċenti, ara wkoll is-sentenza tal-Cassazione Civile, Sezioni Unite, tas-7 ta' Diċembru 2006, Nru 26182; u s-sentenza tal-Cassazione Civile, Sezioni Unite, tal-20 ta' Diċembru 2007, Nru 26810.

55 — Sentenza tal-Corte Costituzionale, tat-18 ta' Ġunju 1970, Nru 114. Iktar reċenti, ara wkoll is-sentenza tal-Corte Costituzionale, tas-16-27 ta' Mejju 1996, Nru 171.

56 — Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tesauro fil-Kawża Dorsch Consult, punt 20.

57 — Ara d-digriet tal-11 ta' Lulju 2003, Cafom u Samsung (Kawża C-161/03, punt 14).

58 — Ara, dwar din il-kwistjoni, Danfoss, punt 7 u s-sentenza tat-23 ta' Marzu 1982, Nordsee (Kawża 102/81, Ġabra p. 1095, punt 11).

59 — Ara s-sentenza tas-27 ta' Jannar 2005, Denuit u Cordenier (Kawża C-125/04, Ġabra p. I-923, punt 15).

60 — Dwar il-fatti, il-Corte di Cassazione hija għalhekk, bħala prinċipju, marbuta bil-konklużjonijiet taċ-CNF. Dwar l-importanza ta' dan l-element, ara s-sentenza tal-14 ta' Novembru 2002, Felix Swoboda (Kawża C-411/00, Ġabra p. I-10567, punti 26 sa 28).

61 — Ara Belov, punt 52.

78. Barra minn hekk, ma huwiex ikkontestat li ċ-CNF irid japplika regoli tad-dritt. Barra minn hekk, fil-każ ta' A. A. Torresi u P. Torresi, iċ-CNF huwa msejjaħ biex japplika d-dispożizzjonijiet tad-Digriet Leġiżlattiv 96/2001, konformi mar-regoli previsti fid-Direttiva 98/5/KE.

79. Huwa importanti li jiġi enfasizzat f'dan il-kuntest li r-regoli li jirregolaw il-proċedura quddiem iċ-CNF jipprovdu għal proċedura ta' natura kontradittorja[62]. Il-Kunsill tal-ordni tal-avukati lokali li d-deċiżjoni tiegħu qiegħda tkun mistħarrġa huwa parti neċessarja f'din il-proċedura (bħala konvenut) u kull żball fin-notifika tal-proċedimenti mill-applikant lill-Kunsill tal-ordni tal-avukati lokali jwassal għan-nullità tal-proċedura minħabba "ksur serju tad-drittijiet tad-difiża u tal-prinċipju tal-*audi alteram partem*"[63] .

80. Barra minn hekk, il-proċedura tinkludi kemm fażi bil-miktub u dik orali, fejn il-partijiet jistgħu jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom u jikkontestaw l-iżbalji li allegatament saru mill-Kunsill tal-ordni tal-avukati lokali, u jipproduċu l-provi insostenn għall-argumenti tagħhom. Għar-rigward tal-provi, jeżistu regoli speċifiċi dwar l-iskoperta u dwar il-perijodu minimu ta' żmien li jrid jingħata lill-partijiet biex jikkonsultaw il-proċess u jippreparaw id-difiża tagħhom qabel ma l-każ jiġi trattat waqt is-seduta[64].

81. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq, jien tal-fehma li, fil-proċedimenti preżenti, iċ-CNF għandu jitqies bħala "qorti jew tribunal" għall-għanijiet tal-Artikolu 267 TFUE.

## B – *Kunsiderazzjoni tad-domandi magħmula*

82. Jien issa ser ngħaddi għas-sustanza taż-żewġ domandi magħmula miċ-CNF. Madankollu, ir-risposta għal dawn id-domandi, hija pjuttost evidenti. Għal din ir-raġuni, din il-parti tal-konklużjonijiet tiegħi ser tkun pjuttost qasira.

### 1. L-ewwel domanda

83. Bl-ewwel domanda tagħha, iċ-CNF fis-sustanza qiegħda tistaqsi jekk l-Artikolu 3 tad-Direttiva 98/5/KE jeskludix il-prattika, minn naħa ta' Stat Membru, li jirrifjuta, għal raġunijiet ta' abbuż ta' dritt, l-iskrizzjoni fir-Reġistru tal-ordni tal-avukati, fit-taqsima speċjali għal avukati kkwalifikati barra l-pajjiż, ta' ċittadini ta' dak l-Istat Membru li, eżatt wara li jkunu kisbu it-titolu professjonali fi Stat Membru ieħor, jirritornaw fl-ewwel Stat Membru (iktar 'il quddiem il-"prattika nazzjonali inkwistjoni").

84. Skont ġurisprudenza stabbilita, id-dritt tal-UE ma jistax jiġi invokat għal għanijiet abbużivi jew frawdolenti. Madankollu l-konstatazzjoni ta' prattika abbużiva teħtieġ, minn naħa, għadd ta' ċirkustanzi oġġettivi minn fejn jirriżulta li, minkejja osservanza formali tal-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja, l-għan ta' dik il-leġiżlazzjoni ma ntlaħaqx[65]. It-tieni, dik il-konstatazzjoni teħtieġ, element suġġettiv li jikkonsisti mill-volontà li jinkiseb xi benefiċċju riżultanti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni billi jinħolqu b'mod artifiċjali l-kundizzjonijiet mitluba għall-kisba tiegħu[66].

62 — Jien nieħu nota wkoll tal-fatt li l-Pubblico Ministero (il-Prosekutur Pubbliku) huwa wkoll parti fil-proċedimenti quddiem iċ-CNF rigward iskrizzjonijiet fil-lista (kif ukoll fil-proċedimenti speċjali tal-appell quddiem il-Corte di Cassazione), b'kuntrast mal-proċedura quddiem il-Kunsilli tal-ordni tal-avukati lokali. Kif ġie rilevat mill-Gvern Taljan, il-parteċipazzjoni tal-Prosekutur Pubbliku fi proċedura amministrattiva tkun pjuttost anomala.

63 — Sentenza tal-Cassazione Civile, tat-8 ta' Awwissu 2001, Nru 10959.

64 — Ara d-dispożizzjonijiet imsemmija f'punt 65 iktar 'il fuq.

65 — Sentenza tal-21 ta' Frar 2006, Halifax *et* (Kawża C-255/02, Ġabra p. I-1609, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66 — Sentenza tal-14 ta' Diċembru 2000, Emsland-Stärke (Kawża C-110/99, Ġabra p. I-11569, punti 52 u 53).

85. Bħala prinċipju, hija l-qorti nazzjonali li għandha tistabbilixxi l-eżistenza ta' dawn iż-żewġ elementi, li l-prova tagħhom għandha tiġi prodotta b'mod konformi mar-regoli tad-dritt nazzjonali, sakemm ma tiġix ippreġudikata l-effikaċja tad-dritt tal-Unjoni[67]. B'mod partikolari, il-qrati nazzjonali ma jistgħux, meta jagħmlu evalwazzjoni dwar l-eżerċizzju ta' dritt li joriġina minn dispożizzjoni tad-dritt tal-UE, ibiddlu l-iskop ta' dik id-dispożizzjoni jew jikkompromettu l-għanijiet segwiti minnha[68].

86. Madankollu, fil-proċedimenti preżenti, huwa pjuttost ovvju li prattika bħal ma hija l-prattika nazzjonali inkwistjoni x'aktarx li timmina, f'dak l-Istat Membru, it-tħaddim korrett tas-sistema stabbilita bid-Direttiva 98/5/KE u b'hekk jiġi kompromess serjament, f'dak l-Istat Membru, it-tħaddim korrett tas-sistema stabbilita bid-Direttiva 98/05/KE u b'hekk jiġu kompromessi b'mod serju l-għanijiet segwiti b'dak l-istrument legali.

87. Tabilħaqq, l-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/5/KE jistipula li l-għan ta' dik id-direttiva huwa li "tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti [...] fi Stati Membru barra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni." Għalhekk, kif osservaw korrettement il-Gvernijiet tal-Polonja u tar-Rumanija, il-prattika nazzjonali inkwistjoni hija, essenzjalment ekwivalenti għal li tiġi ttrattata bħala mġiba abbużiva li, għall-kuntrarju, tikkostitwixxi waħda mill-forom proprju ta' mġiba li l-leġiżlatura tal-UE kellha l-ħsieb li tippermetti. Jekk niġbor fil-qosor ir-rimarki tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-Direttiva 89/48 dwar ir-rikonoxximent ta' diplomi[69], jien ikolli ngħid li d-dritt ta' ċittadini ta' Stat Membru li jagħżlu l-Istat Membru fejn huma jixtiequ jiksbu t-titolu professjonali tagħhom huwa inerenti fl-eżerċizzju, f'suq wieħed, tad-drittijiet fundamentali garantiti mit-Trattati tal-UE[70].

88. F'dan ir-rigward, ma tista' tiġi attribwita l-ebda rilevanza għall-fatt li l-avukat huwa ċittadin tal-Istat Membru ospitanti; jew għall-fatt li huwa seta' għażel li jikseb titolu professjonali barra l-pajjiż sabiex igawdi minn leġiżlazzjoni iktar favorevoli; jew, fl-aħħar nett, minħabba l-fatt li, skont kif jista' jkun il-każ, it-talba tiegħu għall-iskrizzjonissir ftit wara li jkun kiseb it-titolu professjonali barra l-pajjiż.

89. Dwar l-ewwel punt, jien nosserva li l-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 98/5 jiddefinixxi 'avukat' bħala " *kull persuna ta' nazzjonalità ta' Stat Membru* u li hu awtorizzat li jsegwi l-attivitajiet professjonali tiegħu taħt wieħed mit-titoli professjonali [elenkati fl-istess dispożizzjoni]". Bl-istess mod, l-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/5/KE jistipula li "[*k]ull avukat* għandu jkun intitulat li jsegwi fuq bażi permanenti, f'kull Stat Membru ieħor taħt it-titolu professjonali ta' pajjiżu, l-attivitajiet speċifikati fl-Artikolu 5 [tal-istess direttiva]"[71].

90. Għaldaqstant, ma hemm l-ebda indikazzjoni, li l-leġiżlatura tal-UE xtaqet li tagħmilha possibbli għall-Istati Membri li jiddiskriminaw bil-maqlub billi jeskludu liċ-ċittadini tagħhom mid-drittijiet li nħolqu bid-Direttiva 98/5/KE[72]. Barra minn hekk, dan ikun jidher pjuttost stunat mal-objettiv li jiġi stabbilit suq intern.

91. Fil-fatt, kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li ċittadin tal-UE jipprova jieħu vantaġġ minn leġiżlazzjoni vantaġġuża li tkun fis-seħħ fi Stat Membru minbarra l-Istat tar-residenza tiegħu ma jistax minnu nnifsu jċaħħdu mid-dritt li jinvoka l-libertajiet previsti fit-Trattati tal-UE[73]. Dan iwassalni għat-tieni punt.

67 — *Ibid.*, punt 54.

68 — Sentenza tat-12 ta' Mejju 1998, Kefalas *et* (Kawża C-367/96, Ġabra p. I-2843, punt 22).

69 — Direttiva tal-Kunsill 89/48/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin (ĠU 1989, L 19, p. 16).

70 — Ara s-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2008, Il-Kummissjoni vs Spanja (Kawża C-286/06, Ġabra p. I-8025, punt 72).

71 — Enfasi fiż-żewġ dispożizzjonijiet miżjud.

72 — Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-31 ta' Marzu 1993, Kraus (Kawża C-19/92, Ġabra p. I-1663, punti 15 u 16).

73 — Sentenza tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas (Kawża C-196/04, Ġabra p. I-7995, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

92. F'dan ir-rigward, fuq il-bażi ta' linja ta' awtorità stabbilita sew, jien nemmen li s-sempliċi fatt li ċittadin jagħżel li jakkwista titolu professjonali fi Stat Membru ieħor bl-iskop li jibbenefika minn leġiżlazzjoni iktar favorevoli minnu nnifsu ma huwiex biżżejjed biex jikkostitwixxi abbuż ta' drittijiet[74].

93. Fl-aħħar nett, dwar it-tielet punt, jien infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara, li bl-Artikolu 3 tad-Direttiva 98/5/KE, il-leġiżlatura tal-UE armonizzat b'mod sħiħ il-kundizzjonijiet mitluba bil-quddiem għall-eżerċizzju tad-dritt mogħti. Għaldaqstant, il-preżentazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, ta' attestazzjoni ta' iskrizzjoni mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini tidher għaldaqstant li hija l-unika kundizzjoni li għaliha għandha tkun suġġetta l-iskrizzjoni tal-parti kkonċernata fl-Istat Membru ospitanti li tippermettilha tipprattika hemmhekk bis-saħħa tat-titolu professjonali ta' oriġini tagħha[75].

94. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 98/5/KE ma tippermettix l-iskrizzjoni ta' avukat mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tkun suġġetta għat-twettiq ta' kundizzjonijiet oħra, bħal seduta biex tiġi stabbilita l-profiċjenza fil-lingwa[76]. Inżid ngħid li, bl-istess mod, id-Direttiva 98/5/KE ma tippermettix li tali iskrizzjoni tkun suġġetta għall-ikkompletar ta' ċertu perijodu ta' esperjenza prattika bħala avukat fl-Istat Membru ta' oriġini[77]. Wara kollox, jekk ebda esperjenza ma hija meħtieġa sabiex tipprattika, pereżempju, bħala 'abogado' fi Spanja, għalfejn tali esperjenza għandha tkun rikjesta biex tipprattika proprju bl-istess titolu professjonali ('abogado') fi Stat Membru ieħor?

95. La dan huwa l-każ, qajla hemm għalfejn wieħed iżid li, jekk l-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti jikkonkludu, f'każ individwali, li ż-żewġ kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 84 iktar 'il fuq ġew issodisfatti, ma hemm xejn xi jżommhom milli jirrifjutaw iskrizzjoni minħabba abbuż ta' dritt. Tabilħaqq, jista' jkun hemm elementi partikolari, f'xi każijiet partikolari, li jagħtu lok għal suspett leġittimu ta' mġiba frawdolenti. F'dawk il-każijiet speċifiċi (u — li wieħed jista' jassumi — li ma humiex frekwenti) eżami iktar fil-fond tal-possibbiltà tal-eżistenza ta' mġiba abbużiva tista' tkun leġittima, qabel ma tiġi approvata l-iskrizzjoni. F'dak il-kuntest, l-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti jistgħu wkoll, skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 98/5/KE, jitolbu l-koperazzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' oriġini[78]. F'każ li l-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti imbagħad jiġbru provi ċari li l-applikant kiseb it-titolu professjonali fl-Istat Membru ta' oriġini b'mezzi frawdolenti jew illegali (bħal falsifikazzjoni, tixħim jew miżrappreżentazzjoni), huma jkunu intitolati jirrifjutaw l-iskrizzjoni minħabba abbuż ta' drittijiet.

96. Għalhekk jien nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi għal-ewwel domanda li d-Direttiva 98/5/KE teskludi l-prattika, minn naħa ta' Stat Membru, li jirrifjuta, minħabba abbuż ta' dritt, l-iskrizzjoni fil-lista, fit-taqsima speċjali għal avukati kkwalifikati barra l-pajjiż, ta' ċittadini ta' Stati Membru, li ftit wara li jiksbu t-titolu professjonali fi Stat Membru ieħor, jirritornaw lura fl-ewwel Stat Membru.

## 2. It-tieni domanda

97. Bit-tieni domanda tagħha, li ġiet proposta għall-eventwalità ta' risposta fl-affermattiv għal-ewwel domanda, iċ-CNF essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 3 tad-Direttiva 98/5/KE huwiex invalidu minħabba ksur tal-Artikolu 4(2) TUE, li jistipula li l-Unjoni Ewropea għandha tirrispetta l-identitajiet nazzjonali, inerenti fl-istrutturi politiċi u kostituzzjonali fundamentali tagħhom.

74 — *Ibid.*, punt 37.

75 — Wilson, punti 66 u 67.

76 — *Ibid.*, fil-punt 70.

77 — Ara Koller, punti 34 u 40. Ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 1999, Centros (Kawża C-212/97, Ġabra p. I-1459, punt 29).

78 — Skont il-parti rilevanti tal-Artikolu 13, "[s]abiex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u sabiex jipprevjenu d-dispożizzjonijiet tagħha milli jkunu applikati ħażin għall-għan ewlieni li jkunu evitati r-regoli applikabbli fl-Istat Membru ospitanti, u l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' pajjiżhom [oriġini] għandhom jikkolaboraw mill-qrib u jipprovdu assistenza komuni lil xulxin".

98. Skont iċ-CNF, l-Artikolu 33(5) tal-Kostituzzjoni tal-Italja jipprovdi li "wieħed irid jgħaddi minn eżami tal-Istat sabiex jikkwalifika għall-professjoni", u t-terminu "professjoni" jagħmel riferiment ukoll għal dik ta' avukat. Li ċittadini Taljani kkwalifikati barra l-pajjiż jitħallew jipprattikaw fl-Italja jkollu, hemm min isostni, l-effett li tiġi evitata l-Kostituzzjoni Taljana li titlob li jkun hemm eżami ta' kwalifika tal-Istat, u b'hekk tiġi mminata l-identità kostituzzjonali nazzjonali.

99. Mill-bidu, ikolli nammetti li għandi diffikultajiet serji biex insegwi r-raġunament taċ-CNF. Għalija ma huwiex ċar għalfejn l-iskrizzjoni fl-ordni tal-avukati ta' ċittadini tal-UE li kisbu titolu professjonali fi Stat Membru ieħor toħloq daqstant theddida għas-sistema legali Taljana li tista' titqies li timmina l-identità nazzjonali Taljana.

100. F'dan ir-rigward, huwa veru li l-Qorti tal-Ġustizzja, f'ċerti ċirkustanzi speċifiċi, offriet lill-Istati Membri l-possibbiltà li jidderogaw mill-obbligi imposti mid-dritt tal-UE, fuq il-bażi tal-protezzjoni tal-identità nazzjonali tagħhom[79]. Madankollu, dan ma jfissirx li kwalunkwe regola mnaqxa f'kostituzzjoni nazzjonali tista' tillimita l-applikazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tal-UE[80], wisq inqas tista' tikkostitwixxi parametru għal-legalità ta' dawk ir-regoli[81].

101. Għaldaqstant, kif ġie argumentat mill-Parlament u mill-Kunsill, is-sempliċi fatt li dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni Taljana tipprovdi li wieħed irid jgħaddi minn eżami tal-Istat qabel ma jkun permess jipprattika bħala avukat ma jfissirx li d-Direttiva 98/5/KE timmina l-identità nazzjonali Taljana għall-għanijiet tal-Artikolu 4(2) TUE. Din il-pożizzjoni kienet ikkonfermata wkoll, waqt is-seduta, mill-Gvern Taljan li qal li ma jaqbilx mal-kunsiderazzjonijiet li għamlet il-qorti tar-rinviju fit-talbiet għal deċiżjoni preliminari rigward kunflitt possibbli bejn id-Direttiva 98/5/KE u l-Artikolu 33(5) tal-Kostituzzjoni Taljana.

102. Madankollu, b'mod iktar fundamentali minn hekk, id-domanda magħmula miċ-CNF tidher li hija bbażata fuq premessa żbaljata.

103. A. A. Torresi u P. Torresi ma talbux lill-awtoritajiet kompetenti l-iskrizzjoni fil-lista taħt titolu professjonali tal-pajjiż ospitanti ('avvocato'), imma l-iskrizzjoni biss f'taqsima speċjali ta' dik il-lista għal avukati kkwalifikati barra l-pajjiż. Għaldaqstant, huma talbu li jitħallew jipprattikaw il-professjoni ta' avukat fl-Italja taħt it-titolu professjonali tal-Istat Membru ta' oriġini ('abogado') konformi mal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 98/5/KE. Dan ifisser li huma jkunu permessi biss li jwettqu l-attivitajiet professjonali msemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/5/KE, filwaqt li jkunu suġġetti għar-regoli dwar l-imġiba professjonali indikati fl-Artikolu 6 ta' din id-direttiva.

104. Allura, ma nara li hemm ebda evażjoni tar-regoli stabbiliti fil-Kostituzzjoni Taljana, wisq inqas xi invażjoni tal-identità nazzjonali Taljana. Kif ġie rilevat b'mod korrett mill-Gvernijiet ta' Spanja u tal-Polonja, u mill-Parlament u mill-Kummissjoni, l-Italja ser tibqa' teżerċita l-kompetenza tagħha rigward l-aċċess għall-professjoni ta' 'avvocato'. Madankollu, jekk iċ-ċittadini tagħha jiġu mċaħħda l-possibbiltà li jipprattikaw bħala 'abogado' fl-Italja — meta dan it-titolu kien ġie miksub legalment fi Spanja — essenzjalment ikun qed jitqiegħed fid-dubju t-twettiq tar-rekwiżiti għal dak it-titolu professjonali, li fir-rigward tiegħu l-Italja ma għandha l-ebda kompetenza. Għaldaqstant, dan mhux biss ikollu effett fuq il-kompetenzi rriżervati għar-Renju ta' Spanja, imma jimmina wkoll il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku li jinsab fil-qalba tas-sistema stabbilita bid-Direttiva 98/5/KE.

105. Abbażi ta' dan, jien tal-fehma li l-Artikolu 3 tad-Direttiva 98/5/KE ma jikkostitwixxix ksur tal-Artikolu 4(2) TUE u li għaldaqstant ma huwiex invalidu.

79 — Ara, b'mod partikolari sentenzi tal-14 ta' Ottubru 2004, Omega (Kawża C-36/02, Ġabra p. I-9609, punt 35 *et seq.*) u tat-22 ta' Diċembru 2010, Sayn-Wittgenstein (Kawża C-208/09, Ġabra p. I-13693, punt 83 *et seq.*).

80 — Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro tat-8 ta' Ottubru 2008, Michaniki (Kawża C-213/07, Ġabra p. I-9999, punt 33).

81 — Ara, b'mod partikolari, sentenzi tas-17 ta' Diċembru 1970, Internationale Handelsgesellschaft (Kawża 11/70, Ġabra p. 1125, punt 3); u tal-1 ta' April 2008, Gouvernement de la Communauté française u Gouvernement wallon (Kawża C-212/06, Ġabra p. I-1683, punt 58).

## IV – **Konklużjoni**

106. Fid-dawl ta' dak li ntqal, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari tal-Consiglio Nazionale Forense kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 tad-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Frar 1998, sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni, jeskludi l-prattika, minn naħa ta' Stat Membru, li jirrifjuta minħabba abbuż ta' dritt, l-iskrizzjoni fil-lista, fit-taqsima speċjali għal avukati kkwalifikati barra l-pajjiż, ta' ċittadini ta' dak l-Istat Membru li, wara li jiksbu t-titolu professjonali fi Stat Membru ieħor, jirritornaw fl-ewwel Stat Membru.

(2) Fil-kunsiderazzjoni tat-tieni domanda magħmula ma ġie żvelat xejn li jaffettwa l-validità tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 98/5/KE.